MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2015

Citazzjoni Numru. 432/2014

**Rita De Waele [K.I. Belgjana Nru. 591-4454455-26]**

**vs**

**Michele Pergolani (Nru K.I. Taljan 7751027) u Angela Maria Falanga (Nru. K.I. Taljan AM 7321371)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Rita De Waele [K.I. Belgjana Nru. 591-4454455-26] datat 19 ta' Mejju 2014 fejn tesponi umilment u bil-gurament taghha tikkonferma li hija taf personalment bis-segwenti:

IIli l-esponenti tirrisjedi fil-fond 157, Two Gates Street, Senglea (u d-djar konnessi maghha li tniffdu sabiex gie restawrat il-palazz originali) liema fond kien id-dar matrimonjali taghha u ta' zewgha (illum mejjet) mis-sena 1988 sal-gurnata tallum;

IIli mindu gie nieqes zewgha hija baqghet tabita wahedha fil-proprjeta' suriferita gewwa Senglea, liema proprjeta` baqghet dejjem fil-pussess taghha;

Illi mindu gie nieqes zewgha, l-intimat Michael Pergolani (u cioe' iben zewgha Carlo Pergolani) beda jipprentendi li l-fond *de quo* jappartjeni lilu biss;

Illi ghalhekk giet intavolata l-kawza fl-ismijiet *Rita De Waele vs Michele Pergolani* **[Rik. Nru: 358/2008/SM]** quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex jigi stabbilit it-titolu ta' proprjeta' li kellha fil-fond billi zewgha kien akkwista l-proprjeta' bl-uzu ta' *mandat prestanome;*

U billi b'sentenza taghha l-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi rrespingiet it-talbiet kollha tar-rikorrenti; liema sentenza giet appellata billi l-esponenti kienet hasset ruhha aggravata minnha;

U billi l-intimati nhar il-Gimgha 2 ta' Mejju, 2014 b'mod abbuziv qabdu u dahlu fid-dar 157, Two Gates Street, Senglea, biddlu s-serraturi u zbarraw l-aperturi taghha b'mod ghalhekk li r-rikorrenti giet imkeccija mid-dar fil-pussess taghha meta ma kellhom l-ebda ordni definittiva li taghtihom il-pussess tad-dar;

U billi *in oltre* l-esponenti kellha l-hwejjeg u l-effetti personali kollha taghha, inkluz il-passaport; karti tal-bank u karti finanzjarji; cwievet; gojjeli; pitturi u hwejjeg ohra; u ghalhekk effettivament **l-intimati hallew l-esponenti fit-triq biss bil-hwejjeg li kellha fuqha;**

U billi dan l-agir jikkostitwixxi spoll klandestin u vjolenti fil-konfront tar-rikorrenti;

Illi ghalkemm ir-rikorrenti pprocediet bil-proceduri appoziti, hija baqghet michuda mill-pussess tad-dar matrimonjali taghha u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi permezz tal-agir tal-intimati, u cioe' billi b'mod abbuziv dahlu fid-dar 157, Two Gates Street, Senglea, biddlu s-serraturi u zbarraw l-aperturi taghha b'mod ghalhekk li r-rikorrenti giet vjolentement imkeccija mid-dar matrimonjali taghha u mwaqqfa mit-tgawdija tal-pussess taghha, l-intimati kkommettew spoll vjolenti u klandestin;

2. Tiddeciedi u tiddikjara illi permezz tal-agir tal-intimati, u cioe` billi b'mod abbuziv zammewla l-oggetti mobbli kollha taghha inkluz izda mhux limitatament ghall-passaport taghha; karti tal-bank u karti finanzjarji; cwievet; gojjeli; pitturi u hwejjeg ohra l-intimati kkommettew spoll vjolenti u klandestin fuq l-esponenti;

3. Tikkundanna lill-intimati sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti jirrintegraw lir-rikorrenti fil-pussess pjen u shih originali tal-possedimenti taghha u dana billi jirritornawlha l-pussess liberu u vakanti ta' l-istess fond 157, Two Gates Street, Senglea (u d-djar konnessi maghha li tniffdu sabiex gie restawrat il-palazz originali) u jroddulha lura l-oggetti kollha mobbli li hadulha nkluz l-passaport taghha; il-karti tal-bank u karti finazjarji ohra; ic-cwievet; gojjeli; pitturi u kull oggett ohra li hadu u dana taht is-supervizzjoni ta' kull espert li dina l-Onorabbli Qorti jidhriliha xieraq u opportun;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-kwerela datata 2 ta' Mejju 2014 u l-ingunzjoni in subizzjoni tal-intimati.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-26 ta' Gunju 2014.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2015 meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Mario Camilleri u Dr. Mark Refalo li qed jassocja ruhu fil-patrocinju tal-attrici prezenti fl-Awla. Dehret Dr. Claire Bonello li skont ma fehmitha l-konvenuta jezistu cirkostanzi biex ma tigix ikkonsidrata

kontumaci. F'dan l-istadju, l-Qorti, wara li rat id-dokumenti esebiti a fol 32 sa 44 tal-process, ikkonsidrat lill-konvenuti kontumaci. Id-difensuri tal-attrici jiddikjaraw li f'dan l-istadju ma fadlilhomx provi ulterjuri. Il-Qorti halliet l-kawza ghas-sentenza in difett t'ostakolu ghat-12 ta' Mejju 2015 fid-9:30a.m.

Rat ir-rikors guramenta ta' Michele Pergolani datat 23 ta' April 2015 a fol 47 tal-process fejn talab lill-Qorti *ai termini* tal-Artikolu 158 (10), joghgobha tawtorizzah jiggustifika l-kontumacja u sussegwentement jipprezenta r-risposta guramentata u dan taht dawk il-kondizzjonjiet u provvedimenti li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat ir-rikors guramentat ta' AngelaMaria Falanga datat 23 ta' April 2015 a fol 62 tal-process fejn talab lill-Qorti *ai termini* tal-Artikolu 158 (10), joghgobha tawtorizzaha tiggustifika l-kontumacja u sussegwentement tipprezenta r-risposta guramentata u dan taht dawk il-kondizzjonjiet u provvedimenti li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Gunju 2015 fejn meta ssejhet il-kawza dehret l-attrici assistita minn Dr Mario Camilleri u Dr Mark Refalo u dehru l-konvenuti Michele Pergolani u AngelaMaria Falanga assistiti minn Dr Claire Bonello sabiex jiggustifikaw il-kontumacja taghhom. Dr Bonello talbet li AngelaMaria Falanga tinghata l-fakolta` li tixhed bil-lingwa Taljana. It-talba ma kinetx opposta u l-Qorti laqghet it-talba, b'dan li l-proceduri jitkomplew bil-Malti. Xehdet bil-gurament taghha bil-lingwa Taljana AngelaMaria Falanga, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Xehed bil-gurament tieghu bil-lingwa Ingliza Michele Pergolani, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-Qorti halliet il-kawza ghal decizjoni fuq il-kontumacja tal-intimati ghas-16 ta' Lulju 2015 fid-9:30a.m., b'dan illi l-intimati kellhom jipprezentaw nota fi

zmien ghaxart ijiem (10) minn dan id-digriet, rigward is-servizz tan-notifika li saret fl-Italja, u l-attrici kellha ghaxart ijiem (10) biex twiegeb.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din hija sentenza dwar talbiet imressqa permezz ta' zewg rikorsi mahlufa datati nhar it-23 ta' April 2015 rispettivament mill-intimati konjugi Michele Pergolani[1] u AngelaMaria Falanga[2], it-tnejn ta' nazzjonalita' Taljana, *ai termini* tal-**Artiklu 158(10) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta** sabiex jiggustifikaw il-kontumacja taghhom u jkunu awtorizzati jipprezentaw risposta guramentata ghat-talbiet attrici.

Illi r-ragunijiet migjuba mir-rikorrenti huma prattikament l-istess.

**Fir-rikors mahluf tieghu, Michele Pergolani** jghid li sar jaf b'din il-kawza permezz tal-Avukat tieghu, l-Avukat Dottor Claire Bonello. Hu jissolleva diversi ragunijiet ghaliex naqas milli jressaq risposta tieghu u cioe`:

1. Mhux car mid-dokumenti ta' servizz esebiti f'liema data suppost waslu d-dokumenti fl-indirizz tieghu billi jirrizultaw diversi timbri fuq id-dokument;

[1] Rikors a fol. 47 tal-process.
[2] Rikors a fol 62 tal-process

2. Ma kienx id-dar bejn is-6 u 8 ta' Dicembru 2014 u bejn is-27 ta' Dicembru 2014 sal-4 ta' Jannar 2015;

3. Li qatt ma rceva ebda tip ta' dokumenti gudizzjarji jew avviz ghas-smigh tal-kawza bil-posta f'Dicembru 2014 jew f'xi data ohra fl-indirizz indikat.

4. Li l-posta tmur f'kaxxa komuni tal-blokk fejn joqghod ghal liema hu m'ghandux access. Ic-cwievet jinzammu mill-purtinar tal-blokk ta' appartamenti. Dan ma ghaddilhux l- avviz ta' dawn il-proceduri.

5. L-uniku avviz ricevut kien dak esebiti minn martu AngelaMaria Falanga li kien indirizzat lilha biss (**DOK C**) u fejn ma hemmx indikazzjoni dwar liema kwistjoni *si tratta,* u li dwaru lanqas infurmatu billi bejniethom hemm ir-regim tas-separazzjoni tal-beni.

**AngelaMaria Falanga** tghid li l-ahhar darba li kienet f'Malta kien fil-5 ta' Mejju 2014 u saret taf b'din il-kawza *tramite* l-Avukat taghha, l-Avukat Dottor Claire Bonello.

Hi tghid li kellha "*impediment legittimu biex twiegeb ghal kawza billi hi ma rcevietx l-avviz tas-smigh jew ir-rikors guramentat u lanqas inghatat l-opportunita' li tigbor dokumentazzjoni .*"

Hi ssostni li :-

(i) mhux car mid-dokumenti esebiti mir-Registratur tal-Qrati Civili f'liema data wasslu d-dokumenti fl-indirizz taghha f'Ruma;

(ii) kienet imsiefra bejn is-6 u t-8 ta' Dicembru 2014 u bejn is-27 ta' Dicembru 2014 sal-4 ta' Jannar 2015;

(iii) li qatt ma rceviet dokument gudizzjarju jew avviz ghas-smigh tal-kawza bil-posta f'Dicembru 2014 fl-indirizz indikat.

(iv) li l-purtinar tal-blokk ta' appartamenti fejn toqghod ma ghaddilhiex avviz ta' dawn il-proceduri.

(v) Irceviet avviz indirizzat lilha biss fejn giet avzata li ma setghetx tigi notifikata minhabba l-assenza taghha u l-assenza ta' persuni li setghu jaccettaw in-notifika ghan-nom taghha, liema dokument gie depozitat fil-5 ta' Frar 2015 u kellha sitt xhur biex tigbor id-dokument "*A.G. .. del 03/02/2015 ..la cui notifica e' stata richiesta da: Soggetto richiedente corte di appello di roma."* Dan id-dokument seta' jingabar minnha sa sitt xhur zmien.

(vi) Dan id-dokument insab fil-kaxxa postali komuni tal-blokk li ghaliha hi m'ghandhiex access. Ic-cwievet jinzammu mill-purtinar u dan ma avzahiex li wasslet xi dokumentazzni ghaliha jew ghal zewgha. Kien biss fuq l-insistenza taghha li tinfetah il-kaxxa postali li sabu dan l-avviz.

(vii) Marret tigbor l-avviz mill-ufficcju postali u sabet li dan gie mibghut lura fis-7 ta' Marzu 2015. Ghalhekk ma kellhiex l-opportunita' li tara l-kontenut tad-dokumentazzjoni.

**L-attrici** opponiet ghat-talbiet imsemmija. Irrilevat li r-rikorsi taghhom gew ipprezentati 20 gurnata wara l-ahhar differiment meta l-kawza thalliet ghas-sentenza in difett t'ostakolu (Seduta tas-26 ta' Marzu 2015)[3]. Id-dokumenti mibghuta lura *ai termini* tal-artikolu 4 tar-**Regolament EC 1393/2007** jirrizultaw in ottemperanza tal-**artikolu 10 tal-istess Regolament** u inhargu certifikati tas-servizz (fol 37 u 43) tal-process li jiccertifikaw it-tlestija tal-formalitajiet rikjesti.

Tghid ukoll li meta l-attrici kienet hadet proceduri ghall-hrug ta' mandat ta' deskrizzjoni kontra l-konvenuti l-avukat difensur taghhom kienet mill-ewwel interveniet fil-proceduri minkejja li ma kienux gew notifikati. Hi tghid li "*dan ifisser li kellha kuntatti mal-klijenti taghha u li indubbjament gharrfithom bil-proceduri odjerni."* L-attrici ssostni wkoll li l-fatt tat-tluq tal-konvenuti, ir-rikorrenti odjerni, mill-pajjiz, fih innfisu jammonta ghall-agir kolpuz *ai fini* ta' dawn il-proceduri.

**<u>Fatti Mhux ikkontestati:</u>**

Illi l-fatti li huma rilevanti ghat-talba odjerna huma s-segwenti.

Illi l-konvenuti jghixu f'Ruma, l-Italja fi 24 Via dei Savorelli u ghalhekk l-atti gudizzjarji kienu korrettement indirizzati.

---

[3] Ir-rikorsi mahlufa gew ipprezentati fit-23 ta' April 2015.

Illi inoltre ma kienux fir-residenza taghhom f'Ruma bejn is-6 u ta' Dicembru 2014 u is-27 ta' Dicembru 2014 sal-4 ta' Jannar 2015;

B'nota esebita a fol 32 tal-process, ir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Civili esebixxa d-dokumenti relattivi ghas-servizz tal-atti gudizzjarju lil kull wiehed u wahda mill-konvenuti bhala **Dok A (**Michele Pergolani) u **Dok B** (AngelaMaria Falanga).

Illi t-talba ghas-servizz tar-rikors guramentat saret mill-Avukat Generali lill-Awtorita' Centrali f'Ruma li hija l-Qorti tal-Appell f'Ruma, u dan *ai termini* tal-**artikolu 4 tar-Regolament EC 1393/2007.** Fit-talba tieghu, l-Avukat Generali, bhala t-*transmitting Agency* talab li n-notifika ssir "*In accordance with the law of the Member State addressed".*

Illi c-*Certificato di Notificazione o Comunicazione o Di Mancata Notificazione o Comunicazione Di Un Atto*[4] li jirreferi ghal Michele Pergolani jiccertifika **pozittivament** (enfasi ta' din il-Qorti) in-notifika tieghu f'Ruma fit-12 Dicembru 2014. Jiccertifika wkoll li l-att gie notifikat u komunikat skont il-Ligi Taljana (*a norma della legislazione dello Stato membro richiesto).* Il-mezz ta' notifika hu mnizzel hekk: *"by deposit at the town hall in accordance with art.140 of the Code of Civil Procedure."*

Id-dokument jikkontjeni *Relazzione Di Notifica* (riferta) fejn hemm riferut hekk:

[4] esebit a fol 37

*"Il sottoscritto Ufficiale Gudiziario addetto all'Ufficio Notifica colla Corte fi Appello di Roma ha notificato il presente atto a Michele Petgolani consegnando copia a mani di persona qualificatesi ai sensi dell'art.140 c.p.c. assenti il destinatario e le persone idonea alla ricezione (nessuno apre o risponde) mediante deposito della copia nella Casa Comunale di Roma."* Iffirmat fl-4 ta' Dicembru 2014. Imbaghad id-dokument juri li d-depozitu tal-*envelope* issigillat sar fil-5 ta' Dicembru 2014.

Illi c-*Certificato di Notificazione o Comunicazione o Di Mancata Notificazione o Comunicazione Di Un Atto*[5] li jirreferi ghal AngelaMaria Falanga wkoll jiccertifika **pozittivament** (enfasi ta' din il-Qorti) in-notifika taghha u hemm l-istess timbri, dati u annotament salv li hemm timbru li d-depozitu tal-*envelope* s-sigillat sar fis-16 ta' Dicembru 2014 u r-riferta tal-ufficjal hija datata t-12 ta' Dicembru 2014.

It-tnejn huma ttimbrati minn funzjonarja adetta mal-Qorti tal-Appell ta' Ruma.

**Xhieda**

Ir-rikorrenti odjerni xehedu *viva voce* u affermaw li jircievu l-posta taghhom f'kaxxa komuni tal-blokk tal-appartamenti taghhom. Huwa l-purtinar biss li ghandu access ghal din il-kaxxa u ma ghaddilhom l-ebda dokumenti. AngelaMaria Falanga qalet li hi biss irceviet avviz ta' posta registrata li kienet indirizzata lilha u ma kellha l-ebda indikazzjoni fuqha dwar il-kontenut tad-dokumenti. Hi affermat ukoll li ma gharrfitx lil zewgha ghaliex ma ghaddilhiex minn mohha li kellu x'jaqsam maghha minhabba r-regim tas-separazzjoni tal-beni vigenti bejniethom.

[5] esebit a fol 40

AngelaMaria Falanga xehdet ukoll li meta marret fl-ufficcju postali biex tigbor il-korrispondenza qalulha li din intbaghtet lura fis-7 ta' Marzu 2015 u ghalhekk ma kellha l-ebda opportunita' biex tara x'kien hemm fiha. Huma t-tnejn ikkonfermaw li saru jafu b'dawn il-proceduri mill-avukat Bonnello circa fis-27 it-28 ta' Marzu 2015.

Fuq mistoqsija ta' din il-Qorti Michele Pergolani qal li l-purtinar tieghu huwa affidabbli.

**Konsiderazzjonijiet ta' Dritt**

Il-konsiderazzjonijiet legali marbutin ma’ dawn it-talbiet huma tnejn:-

1. Ir-regolarita' tas-servizz tad-dokumentazzjoni gudizzjarja rilevanti ghal din il-kawza, maghmul *a tenur* tad-Direttiva EC1393/2007;

2. Il-*colpa o meno* tar-rikorrenti odjerni *ai fini* tat-talba taghhom ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja skont il-Ligi Maltija.

**Servizz ta' Atti Gudizzjarji bejn Membri Stati tal-Unjoni Ewropea Reg. 1393/2007 EC**[6]

[6] REGULATION (EC) No 1393/2007 OF THE EUROPEAN PARLIAMENT AND OF THE COUNCIL of 13 November 2007 on the service in the Member States of judicial and extrajudicial documents in civil or commercial matters (service of documents), and repealing Council Regulation (EC) No 1348/2000.

Illi dan ir-Regolament hassar u issostitwixxa r-Regolament (EC) No 1348/2000. L-iskop tar-Regolament huwa sabiex jigi facilitat u espedit it-trasmissjoni ta' dokumentazzjoni gudizzjarji u extra gudizzjarji f'materja civili u kummercjali bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea ghall-ahjar funzjonament tas-suq intern.[7] L-Avviz Legali 333 tal-2008 li jemmenda l-A.L. 279 tal-2008 japplika.

Ma hemmx dubbju li l-kaz odjern huwa fost dawk li ghalihom japplikaw dawn ir-Regolamenti. Dwar l-iskop tar-Regolament, il-Qorti Generali fil-kaz C−325/11 fl-ismijiet **Krystyna Alder** ***et.v*** **Sabina Orłowska** (decizjoni tal-15 ta' Gunju 2011) irriteniet li :

*"24. It thus follows from a systematic interpretation of the regulation in question that that regulation provides for only two circumstances in which the service of a judicial document between Member States falls outside its scope, namely (i) where the permanent or habitual residence of the addressee is unknown and (ii) where that person has appointed an authorised representative in the Member State where the judicial proceedings are taking place."*

Fil-kaz odjern, ma giex ippruvat li l-Avukat Bonello tirrapprezenta lill-intimati bhala prokuratrici taghhom.

L-artikoli rilevanti tar-Regolament huma s-segwenti:

---

[7] Recital 2 tar-Regolament. Ara wkoll Case C−14/08 *Roda Golf & Beach Resort* [2009]

ECR I-5439, para. 53 to 55).

**Artikolu 7:**

*"1. The receiving agency shall itself serve the document or have it served, either in accordance with the law of the Member State addressed or by a particular method requested by the transmitting agency, unless that method is incompatible with the law of that Member State."*

Fil-kaz tallum, l-Avukat Generali ma ghamilx rikjesta ghall-modalita' partikolari ta' notifika u allura s-servizz twettaq skont il-ligi applikabbli fl-Italja.

Skont l-**Artikolu 9:**

*" **Date of service***

*1. Without prejudice to Article 8,[8] the date of service of a document pursuant to Article 7 shall be the date on which it is served in accordance with the law of the Member State addressed.*

*2. However, where according to the law of a Member State a document has to be served within a particular period, the date to be taken into account with respect to the applicant shall be that determined by the law of that Member State."*

[8] Dan l-artikolu jittratta dwar ir-rifjut tas-servizz.

Ta' importanza ghall ezami tal-lum huwa **l-Artiklu 19:**

**“Defendant *not entering an appearance***

*1. Where a writ of summons or an equivalent document has had to be transmitted to another Member State for the purpose of service under the provisions of this Regulation and the defendant has not appeared, judgment shall not be given until it is established that:*

*(a) the document was served by a method prescribed by the internal law of the Member State addressed for the service of documents in domestic actions upon persons who are within its territory; or*[9]

*(b) the document was actually delivered to the defendant or to his residence by another method provided for by this*

*Regulation;*

*and that in either of these cases the service or the delivery was affected in sufficient time to enable the defendant to defend."*

Id-difensur tal-intimati ssottomettiet li d-data tan-notifika tad-dokumenti mhix stabbilita' b'carezza billi jidhru diversi timbri b'dati differenti. Inoltre mhuwiex car kif effettivament gew ikkonsenjati d-dokumenti gudizzjarji relattivi.

[9] Sottolinear tal-Qorti

*Inoltre* skont **l-articolo 140** tal-Codici tal-Procedura Civile Taljana minnha ccitata, fejn in-notifika ma saritx minhabba "*irreperibilita' o per incapacita' o rifiuto "* l-ufficjal gudizzjarju ghandu jiddepozita "*copia nella casa del comune dove la notificazione deve eseguigirsi,* ***affigge avviso del deposito in busta chiusa e sigillata alla porta dell'abitazione o dell'ufficio o dell'azienda del destinatario , e gliene da notizia per raccomandata con avviso di ricevimento."*** (enfasi tad-difiza).

Illi fid-dawl tal-premess, l-intimati jissottomettu li ma gewx segwiti r-rekwiziti ta' notifika effettiva skont il-Ligi Taljana.

Illi din il-Qorti ma tikkondividix it-tezi tal-intimati. Ic-certifikat mahrug mill-Awtorita' ufficjali Taljana hija wahda ta' notifika pozittiva tad-destinatarju. F'dan ic-certifikat, l-ufficjali addetti mill-Awtorita' Taljana *ai fini* tal-proceduri ta' notifika, kemm dawk gudizzjarji kif ukoll mill-Qorti tal-Appell ta' Ruma, ikkonfermaw li n-notifika saret ***a tenur* tal-artikolu 140 tal-Kodici ta' Procedura Civili.** **(**enfasi ta' din il-Qorti).

Huwa minnu li l-artikolu 19 iccitat mid-difensur tal-intimati jippermetti li jsiru accertamenti biex jigi zgurat li n-notifika saret skont il-Ligi tal-Istat Membru indirizzat, izda jinkombi fuq l-intimat li jipprova, sal-grad u bil-mezzi rikjesti bil-Ligi (f'dan il-kaz il-Ligi Maltija), li tali servizz kien monk.

Illi izda l-intimati qed jistriehu fuq is-semplici dikjarazzjoni taghhom, ghalkemm bil-gurament, li Michele Pergolani ma rceva l-ebda notifika filwaqt li AngelaMaria Falanga rceviet notifika ta' ittra registrata. Din l-istqarrija fiz-zewg kazijiet ma ssib l-ebda korroborazzjoni jew sostenn b'xi prova ohra li, fil-fehma ta' din il-qorti, hija mehtiega biex ixxejjen certifikazzjoni ufficjali bhal ma hi r-riferta ta' notifika ta' att gudizzjarju.

Ic-certifikati trasmessi bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea ghandhom jinghataw affidament u huma prova tal-kontenut taghhom fl-assenza ta' prova kontrarja skont il-Ligi. Altrimenti is-sistema shiha, ibbazata anke fuq il-principju ta' *mutual trust*, tigi stultifikata. Kif issottometta d-difensur tal-attrici, ma saritx prova idoneja, bil-produzzjoni tal-Avukat Generali biex jixhed dwar il-procedura adoperata jew l-awtorita' inkarigata mill-ittri rogatorji[10].

Il-Qorti ghandha biss quddiemaha il-kelma tal-intimati li ma rcevewx notifika jew *envelope* ssigillat filwaqt li din id-dikjarazzjoni hija kontrarjata fiz-zewg certifikati fejn hemm ittimbrat li "*pervenuto ed effettuato il deposito on busta sigillata"* iffirmat mill-ufficjal gudizzjarju.

Ghaldaqstant fid-dawl tal-premess, u fl-assenza ta' prova kontrarja sal grad rikjest bil-Ligi, din il-Qorti ser tistrieh fuq id-dokumenti esebiti a fol 32 sa 45 bhala prova ta' notifika pozittiva fil-konfront taz-zewg intimati.

**Data tan-Notifika**

Id-data tan-notifika hija dik indikata fuq ic-certifikat li huwa it-12 ta' Dicembru 2014 u billi l-intimati, tramite d-difensur taghhom talbu li jigu awtorizzati jressqu r-risposti taghhom fis-26 ta ' Marzu 2015 u sussegwentement ipprezentaw rikors f'dan is-sens, it-tnejn fit-23 ta' April 2015, il-Qorti tikkonferma id-dikjarazzjoni taghha fejn sabithom f'kontumacja.

[10] Nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici.

**Purgazzjoni tal-Kontumacja**

Tibqa' l-kwistjoni jekk l-intimati irnexxilhomx jiggustifikaw il-kontumacja taghhom.

Illi skont l-**Artikolu 156 tal-Kap. 12** tal-Ligijiet ta’ Malta l-legislatur fisser ir-rekwiziti tar-rikors guramentat fosthom:-

*"(1) (d) f’kull rikors ġuramentat għandu jkun hemm stampat b’ittri ċari u preċiżi taħt l-intestatura tal-Qorti dan il-kliem li ġej:*

*"Min jirċievi dan ir-rikors maħluf kontra tiegħu għandu jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, cioe` minn meta jirċeviha. Jekk ma tiġix ippreżentata r-risposta maħlufa bil-miktub kif trid il-liġi saż-żmien imsemmi, il-Qorti tgħaddi biex tagħti d-deċiżjoni skont il-liġi. Għalhekk huwa fl-interess ta’ min jirċievi dan ir-rikors maħluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma’ x’għandu xi jgħid fil-kawża."*

***L-Artikolu 158 (10)*** *tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta jiddisponi:-*

*"(10) Jekk il-konvenut jonqos li jippreżenta r-risposta ġuramentata msemmija f’dan l-artikolu, il-qorti tiddeċiedi l-kawża bħallikieku l-konvenut baqa’ kontumaċi kemm-il darba ma jippruvax għas-sodisfazzjon tal-qorti raġuni tajba li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata fiż-żmien li jmiss. Il-qorti għandha, madankollu, qabel ma*

*tagħti s-sentenza, tagħti lill-konvenut żmien qasir li ma jistax jiġġedded biex fih jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub*

*biex jiddefendi ruħu kontra t-talba tal-attur. Dawk is-sottomissjonijiet għandhom jiġu notifikati lill-attur li jkollu żmien qasir biex jirrispondi."*

Id-decizjoni gwida f'materja ta' kontumacja hija dik fl-ismijiet "***Vittoria Cassar vs Carmelo Vassallo"*** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-29 ta' Mejju 1937 (Vol XXIX.i.1581) mill-Imhallef William Harding fejn fiha gew elenkati l-principji li gejjin rigwardanti l-kontumacja:-

*(1) Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta gustifikata jekk kienet volontarja;*

*(2) Lanqas tista' tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza;*

*(3) Biex ikun hemm lok ghall-gustifikazzjoni hemm bzonn*

*li tigi pruvata kawza gusta;*

*(4) Din il-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisti f'impediment legittimu;*

*(5) L-impediment, biex ikun legittimu, ghandu jkun indipendenti mill-volonta` tal-kontumaci;*

*(6) L-izball mhux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli, ghaliex jekk ikun vincibbli, allura jigi ekwiparat*

*ghall-kolpa;*

*(7) Dan l-impediment legittimu jista' jkun, kif intqal, "una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili";*

*(8) L-impossibbilita' li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta` gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment legittimu ghandha tkun fizika, u eccezzjonalment biss tista' tkun morali."*

Dawn l-istess principji gew riaffermati f'diversi decizjonijiet ta' dawn il-Qrati fosthom **Paul Grixti vs Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Civili fit-12 ta' Dicembru 1975, u d-decizjoni fl-ismijiet **Margaret Bugeja et vs Alfred Ellul** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-13 ta' Jannar, 1999.)

Fil-kawza fl-ismijiet "***Noel Calleja et vs Middlesea Valletta Life Assurance Co. Ltd***", deciza fit-28 ta' Jannar 2005, il-Qorti ta' l-Appell irriteniet izda li :-

*"L-istitut tal-kontumacja minn dejjem kien suggett ta' kontroversja. Dan hu hekk minhabba l-fatt li l-effetti tieghu – ta' natura punittiva – huma odjuzi. L-istitut tal-kontumacja*

*huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghax-xilja u t-talba tal-parti attrici, ikun wera dispett lejn is-sejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala ghemil li jisthoqqlu piena – dik li ma jkunx jista' jindahal fit-tressiq ta' provi billi dan jammonta ghal forma ta' dizordni socjali.  Dik il-presenza ta' l-imharrek – fatt fih innifsu pozittiv – hija invece mehtiega bhala parti mill-indagni li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabbilixxi jekk kienx hemm tassew "kawza*

*gusta" jew le. Dan hu hekk ghar-raguni li l-gustifikazzjoni ta' kontumacja ghandha tibqa' titqies bhala eccezzjoni ghar-regola li l-imharrek hu tenut li jwiegeb bil-miktub b'nota fiz-zmien stipulat fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedurali Civili, u bhala tali l-eccezzjoni m'ghandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola*." (Ara wkoll "**Vella pro et nomine v. Vella",** Appell Kummercjali, 21 ta' Mejju 1993, Koll. Vol. LXXVII – II –170); **"Paul Grixti vs Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici,"** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Civili fit-12 ta' Dicembru 1975, **"Margaret Bugeja et vs Alfred Ellul** "deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-13 ta' Jannar, 1999.)

Ikkonsidrat li l-intimati jakkampaw fuq l-affermazzjoni li ma rcevewx ebda dokument gudizzjarju. Essenzjalment qed jghidu li ma gewx notifikati. Dan il-punt gja gie sorvolat billi din il-Qorti gja kkonsidrat li ma ingabux provi sabiex ixejnu r-riferta posittiva attestata fiz-zewg certifikati esebiti.

Il-qorti ser tghaddi biex tezamina jekk, fid-dawl tan-notifika posittiva, seta' kien hemm xi raguni gusta li tezonera lir-rikorrenti mill-effetti tal-kontumelja.

Ir-rikorrenti odjerna, AngelaMaria Falanga, rceviet avviz ta' ittra registrata, izda xehdet li lanqas inghatat l-ittra billi giet mibghuta lura qabel it-terminu ta' sitt xhur kontrarjament ghal dak avzat.

Jirrizulta bhala fatt komun li l-posta fil-blokk tal-appartamenti taghhom tigi rekapitata f'kaxxa komuni. Huwa l-purtinar li ghandu c-cwievet ghal din il-kaxxa u mhux ir-residenti, u jghaddilhom hu l-korrispondenza taghhom. F'dan il-kaz iz-zewg konvenuti huma konkordi li ma

ghaddilhom xejn. Madanakollu Michele Pergolani wiegeb minghajr ezitazzjoni fix-xhieda tieghu li l-purtinar kien bniedem affidabbli.

Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet **Carlo Dimech v Kaptan Ugo Sammut et (P.A.13.3.1944)** li ppronunzjat ruhha b'dan il-mod: "*fil-materja tal-purgazzjoni tal-kontumacja gie kostantament ritenut minn din il-qorti li m'ghandux ikun hemm negligenza jew htija* ***tal-parti jew tal-mandatarja taghha,*** *ghax allura minnflok il-prova ta' kawza gusta jkun hemm il ' culpa', u f'dan il-kaz il-persuna ma tkunx tista' tilmenta minn xejn ghax 'qui sua culpa damnum sentit non videtur damnum sentire*." (Ara wkoll Qorti Appelli Inferjuri **-** 3 ta' Mejju,1943 in re **Mercieca v Mifsud).**

Illi inoltre, l-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tas-**7 ta' Marzu, 1994**, fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Delceppo vs Onorevoli Raymond Bondin *et***[11], fejn ingħad li "*il-kolpa tikkonsisti fl-omissjoni tal-konvenut li, in konformita' mad-doveri imposti mil-ligi, jonqos li jagħmel l-arrangamenti necessarji, fid-dar u fil-post tax-xogħol, biex jaslu għandu l-ittri registrati li jaslulu, jew meta jagħmel dawk l-arrangamenti imbagħad jonqos li jsir jaf b'dak li suppost ikun jaf. . . . Il-każijiet fejn ikun hemm nuqqasijiet pruvati tat-terzi persuni li jircievu l-atti bil-posta, jitolbu konsiderazzjoni oħra, u li jridu jigu risoluti skont il-konkretezza ta' kull każ". F'dik l-imsemmija sentenza l-Qorti kienet tenniet b'enfasi li l-ligi, fl-artikolu 187 tal-Kap 12, tqiegħed dmir fuq ic-cittadini kollha li jaqgħu taħt il-gurisdizzjoni tagħha li jaraw u jassikuraw li dawk il-persuni*

*kollha li jgħixu magħhom fid-dar fejn joqogħdu jikkonsenjawlhom l-ittri li jircievu*".

[11] Kollez. Vol: LXXVIII.ii.28

Fil-kaz odjern il-purtinar ghandu jitqies li huwa l-mandatarju tal-intimati *ai termini* tal-gurisprudenza fuq citata. Ghalhekk id-dikjarazzjoni tal-intimati li hu ma ghaddielhom l-ebda komunikazzjoni mhix gustifikazzjoni imma nuqqas ossia *colpa.*

Illi bizzejjed li jinghad li l-konvenuti ma kienux imsefrin bejn id-9 u is-27 ta' Dicembru 2014, proprju l-perjodu fejn gew ikkompletati l-proceduri ta' notifika skont kif jirrizulta mic-certifikati esebiti mir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Civili. Inoltre, minkejja li d-difensur taghhom dehret quddiem din il-Qorti fis-26 ta' Marzu 2015, ipprezentaw ir-rikorsi taghhom fit-23 ta' April 2015, kwazi xahar wara meta din il-qorti halliet il-kawza ghas-sentenza in difett t'ostakolu ghat-12 ta' Mejju 2015.

Illi fid-dawl tal-premess, din il-qorti hi tal-fehma li l-konvenuti ma irnexxielhomx jiggustifikaw il-kontumacja taghhom

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi **ssib li ma ngabitx raguni tajba bizzejjed biex il-konvenuti Michele Pergolani u AngelaMaria Falanga jitqiesu li ggustifikaw il-kontumacja taghhom.**

Iżda, fic-cirkostanzi partikolari tal-każ u b'applikazzjoni tal-artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, **tikkoncedi lill-istess konvenuti** żmien perentorju ta' wieħed u għoxrin (21) jum millum biex, jekk iridu, iressqu Nota bl-osservazzjonijiet taghhom dwar il-mertu tal-azzjoni

attrici.

**L-ispejjez jithallsu mill-konvenuti.**

**Moqrija.**

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------